# Devozzjoni lejn il-Madonna ta' Fatima fil-gżejjer Maltin

Reuben Mifsud B.Ed

## Xbihat fil-knejjes

Bħala parti mid-delizzju tiegħi li nġemma' kulma għandu x'jaqsam mal-Madonna ta' Fatima iddeċidejt li jkolli ritratti ta' kull xbiha tal-Madonna ta' Fatima li hawn f'Malta. Dis-sena reġgħu talbuni biex nikteb f'dal-ktieb tal-festa dwar id-devozzjoni lejn il-Madonna ta' Fatima. Nižżi ħajr lil min qiegħed jieħu ħsieb il-ktieb tal-festa. Iddeċidejt li dis-sena nillimita ruħi fuq ix-xbihat tal-Madonna ta' Fatima li nsibu fil-knejjes tal-gżejjer Maltin. Is-sena d-dieħla mbagħad għandi l-ħsieb nikteb dwar ix-xbihat tal-Madonna ta' Fatima li nsibu fil-postijiet kollha li mhumiex knejjes.

Ngħidha mill-bidu. Dan mhuwiex artiklu riċerkat mill-kotba u l-intervisti. M'intomx se ssibu lista ta' referenzi fl-aħħar ta' dan l-artiklu. Ir-riċerka tiegħi għamiltha biss billi osservajt u ġbidt ritratt ta' kull xbiha tal-Madonna ta' Fatima li ltqajt magħha fil-gżejjer Maltin.

## Statwi tal-Madonna ta' Fatima fil-knejjes Maltin

| Lokalità | Knisja |
|---|---|
| Attard | Knisja Parrokkjali Marija Assunta |
| Birgu | Knisja Parrokkjali San Lawrenz |
| Birżebbuġa | Knisja Parrokkjali San Pietru |
| Floriana | Knisja Parrokkjali San Publiju |
| Gudja | Knisja Parrokkjali Marija Assunta |
| Għaxaq | Knisja Parrokkjali Marija Assunta |
| Gwardamanġa | Santwarju Parrokkjali Madonna ta' Fatima |
| | Knisja Madonna ta' Loreto (Ursoloni) |
| Kirkop | Knisja Parrokkjali San Leonardu |
| Mġarr | Knisja Parrokkjali Marija Assunta |
| Mosta | Knisja Parrokkjali Marija Assunta |
| Msida | Knisja Parrokkjali San Ġużepp |
| Nadur | Knisja Parrokkjali San Pietru u San Pawl |
| Naxxar | Knisja Parrokkjali Marija Bambina |
| Rabat (Malta) | Knisja ta' Santa Marija (ta' Ġieżu) |
| | Knisja ta' San Martin (Baħrija) |
| San Ġiljan | Knisja Parrokkjali Madonna tal-Karmnu (Balluta) |
| Tas-Sliema | Knisja Parrokkjali Stella Maris |
| | Knisja Parrokkjali Madonna tas-Sacro Cuor |
| | Knisja Parrokkjali San Girgor |
| Valletta | Knisja Parrokkjali San Duminku |
| Rabat (Għawdex) | Katidral Marija Assunta |
| | Knisja Parrokkjali San Ġorġ |
| | Knisja ta' San Franġisk |

| | |
|---|---|
| Xagħra | Bażilika Marija Bambina |
| | Kappella ta' Ħamet |
| Xlendi | Kappella Madonna tal-Karmnu |
| Żurrieq | Knisja Parrokkjali Santa Katerina |

## Fejn jinstabu fil-knisja

Ħafna mill-istatwi għandhom niċċa apposta għalihom u wieħed jista' jgawdihom tul is-sena kollha. Uħud minnhom issibhom hekk kif tidħol fil-knisja għaliex qegħdin wara wieħed mill-bibien bħal per eżempju l-Birgu, il-Floriana, il-Gudja, ir-Rabat Malta (Ta' Ġieżu) u r-Rabat, Għawdex (San Franġisk). Hemm minnhom li qegħdin f'niċċa f'waħda mill-kappelluni tal-knisja bħal per eżempju fil-knisja tas-Sacro Cuor f'tas-Sliema u tal-Madonna ta' Loreto fil-lokalità tagħna. Dawn għandhom post prominenti ħafna. Oħrajn qegħdin f'post prominenti ieħor bħal fin-niċċa fit-tarf tan-navi f'San Girgor tas-Sliema jew fil-korsija bħal fil-knisja ta' Stella Maris f'Tas-Sliema u dik ta' San Franġisk tar-Rabat Għawdex. F'Ħal Għaxaq, l-istatwa tal-Madonna ta' Fatima wkoll qiegħda f'nofs il-korsija imma ġo niċċa li mhijiex imdaħħla fil-ħajt u b'hekk tidher mad-dawra kollha. Statwi oħra li qegħdin f'post prominenti ħafna huma dawk ta' Ħal Kirkop u tar-Rabat, Għawdex (liema Knisja qed jirreferi għaliha?) li qegħdin fuq l-artal ta' wieħed miż-żewġ kappelluni. Bosta imma qegħdin ġo niċeċ żgħar taħt in-navi bħal per eżempju l-Imsida u n-Naxxar.

Hemm imbagħad xi ftit knejjes li joħorġu l-istatwa biss matul ix-xahar ta' Mejju jew Ottubru bħalma jiġri f'Għawdex fil-Katidral u x-Xagħra. Matul is-sena, dawn l-istatwi ma jkunux f'post fejn jistgħu jitgawdew fil-knisja. L-istatwa li tinsab fil-knisja tal-Mosta qiegħda ġo niċċa fis-sagristija matul is-sena imma tinħareġ matul ix-xahar t'Ottubru fir-Rotunda. Dan ma jfissirx li dawk li matul is-sena jkunu fin-niċċa ma jinħarġux ukoll. Per eżempju tridu taraw Fra Mark kemm jarmaha sabiħa fuq l-artal maġġur fil-knisja ta' San Duminku tal-Belt fit-13 ta' Mejju (li jaħbat ukoll għeluq sninu)!

## Stil, materjal u daqs

Bosta mill-istatwi huma tal-ġibs għad li nsibu wħud li huma tal-injam. Bħala daqs, ħafna drabi rari ssib statwi li huma ta' daqs tal-figura umana bħalma hija l-vara tal-festa tagħna. Il-maġġoranza huma daqs l-istatwa pellegrina li nużaw fil-parroċċa tagħna għall-pellegrinaġġi. Hemm xi ftit imma li huma ta' daqs ikbar fosthom dawk li nsibu fin-Naxxar, fil-Baħrija, f'Ħal Għaxaq u fir-Rabat Għawdex (San Franġisk). Il-Madonna hija dejjem bajda imma dik li nsibu fil-Gudja għandha ċ-ċintorin kulur blu minflok kulur id-deheb.

Ħafna mill-istatwi tal-Madonna ta' Fatima ma jkollhomx it-tfal. Hemm grupp ta' statwi li jixbhu l-istatwa tal-Madonna ta' Fatima pellegrina li nużaw fil-pellegrinaġġi tagħna. Bħalha nsibu dawk tal-knejjes ta' San Duminku fil-Belt Valletta, ta' Ġieżu r-Rabat, tal-Floriana, tal-Imsida, tal-Birgu u dik fil-knisja tal-Ursolini fil-parroċċa tagħna stess.

Hemm imbagħad oħrajn li huma bħall-istatwa tal-pellegrina imma idejn il-Madonna mhux qegħdin ma' xulxin fin-nofs bil-Madonna tħares 'il quddiem. Il-pali tal-idejn jingħaqdu xi ftit lejn il-ġenb u ras il-Madonna hija mdawra minn mal-bqija tal-ġisem. Qed nirreferi għall-istatwi li nsibu f'Ħal Għaxaq u l-Imġarr.

Ma nsibu l-ebda statwa tal-Madonna ta' Fatima fil-gżejjer Maltin li għandha idejha miftuħin bħal dik fit-titular tas-Santwarju Parrokkjali tagħna ħlief dik li hemm fir-Rotunda tal-Mosta. Din bħat-titular tagħna wkoll għandha l-qalb bil-kuruna tax-xewk. Fl-istatwi l-oħra kollha, l-Madonna għandha idejha ma' xulxin bħall-vara tal-festa tagħna.

## Tas-Sliema lokalità speċjali

Jekk hemm raħal f'Malta li nistgħu ngħidu li huwa r-raħal tal-Madonna ta' Fatima mhuwiex



















Gwardamanġa imma tas-Sliema. Tas-Sliema hija l-lokalità li għandha l-aktar numru ta' parroċċi fi ħdanha - erbgħa. L-erba' knejjes parrokkjali ta' Tas-Sliema kważi kollha għandhom statwa tal-Madonna ta' Fatima. L-unika knisja parrokkjali f'Tas-Sliema li m'għandhiex statwa tal-Madonna ta' Fatima hija dik ta' Ġesù Nazzarenu. L-oħrajn mhux talli għandhom statwa tal-Madonna ta' Fatima imma għandhom, fil-fehma tiegħi, fost l-isbaħ statwi.

Biss biss, fil-knejjes parrokkjali ta' Tas-Sliema insibu l-uniċi tliet statwi li fihom, minbarra lill-Madonna, insibu t-tlitt itfal. Dawn l-istatwi jinstabu fil-parroċċi ta' Stella Maris, Sacro Cuor u San Girgor. Statwa oħra nsibuha f' San Ġiljan u tinstab fil-knisja parrokkjali tal-Balluta. Din tixbaħ dawk li hemm f'Ħal Kirkop, fiż-Żurrieq u fir-Rabat, Għawdex (San Ġorġ).

## L-ewwel statwa tal-purċissjoni tagħna

B'hekk nistgħu ngħidu li minbarra l-vara tal-purċissjoni tagħna, xogħol ta' Ġlormu Dingli u t-tfal xogħol ta' Michael Camilleri Cauchi, hemm tlieta oħra biss li għandhom it-tfal u dawn ilkoll qegħdin Tas-Sliema. Biex inkunu preċiżi, fil-parroċċa ta' Ħ'Attard hemm statwa tal-ġibs li hija bit-tlitt itfal. Din tinstab fis-sala prinċipali taċ-ċentru parrokkjali ġo niċċa mdawla. Fl-għamla tagħha tixbaħ dik ta' Stella Maris Tas-Sliema imma hija bil-wisq iżgħar. It-tnejn li huma jixbhu statwa li tinsab fl-uffiċċju parrokkjali tagħna.

L-ewwel statwa li ntużat fil-purċissjoni tal-festa tagħna bejn l-1968 u 1971 illum tinstab fil-knisja tal-Baħrija. Oriġinarjament din ukoll kellha t-tfal fl-ewwel sena li ntużat.

## Xbihat tal-Madonna ta' Fatima fil-knejjes Għawdxin

Insibu statwi tal-Madonna ta' Fatima fiż-żewġ knejjes parrokkjali tar-Rabat Għawdex kif ukoll fil-Bażilki tan-Nadur u x-Xagħra. Minbarra l-knisja parrokkjali, fix-Xagħra nsibu wkoll l-istatwa djoċesana tal-Madonna ta' Fatima fil-kappella filjali ta' Ħamet. Insibu wkoll statwa (minn dawn li nsibu b'mod komuni tar-resin) fil-kappella tax-Xlendi.

Xbihat tal-Madonna ta' Fatima mhumiex biss l-istatwi, imma wkoll il-pitturi. Bħala pittura, fl-Għarb insibu l-pittura ta' fuq il-bieb prinċipali li dehret fil-qoxra tal-ktieb tal-festa tagħna tas-sena li għaddiet. Nistedinkom sabiex taslu wasla u taraw dawn ix-xbihat tal-Madonna ta' Fatima fil-knejjes parrokkjali mxerrdin mal-gżejjer tagħna. Nawguralkom li meta tkunu weqfin quddiemhom, tħossu dak il-ferħ li bħal speċi qegħdin fil-parroċċa maħbuba tagħna ta' Gwardamanġa u ġo fikom titkebbes dik il-kburija li tgħidu "dawn ukoll għandhom ta' Fatima". Jekk għandek xi informazzjoni oħra jew ritratti, niżżik ħajr jekk taqsamhom miegħi *rcmifsud@maltanet.net.*

Il Macellaio

The Butcher Shop

Mimosa Street,G'Mangia • Tel: 2124 7773 – 7970 6648

Triq Adelide Cini, Pembroke • Tel: 2137 6888 • Mob: 9924 7773

Id-Dentist Bernard Bezzina u n-Nutar Katya Bezzina

jawguraw il-festa t-tajba
lir-residenti kollha
tal-Pietà u Gwardamanġa

Dr Bernard Bezzina
Mob. 99462592

Dr Katya Bezzina
Tel. 21243608
Mob. 99467816